MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 244/2011

**A B**

vs

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

Illi r-rikorrenti zzeweg lil CB nhar it-13 ta’ Settembru 1986, skond kif jidher mill-Att taz-Zwieg relattiv illi kopja originali tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. A**;

Illi miz-zwieg bejn il-partijiet twieldu zewg ulied, it-tnejn illi huma ormai maggiorenni: X illi twieldet nhar id-19 ta’ Ottubru 1987 u Y illi twieled nhar it-18 ta’ Dicembru 1991 u dana skond ma jirrizulta mill-Atti tat-Twelid relattivi illi

kopji originali taghhom qieghdin jigu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala **Dok. B** u **Dok. C** rispettivament;

Illi l-partijiet isseparaw personalment minn xulxin permezz tal-Kuntratt ta' Separazzjoni Personali datat 31 ta' Mejju 2001 fl-Atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha, illi kopja certifikata tieghu qieghda tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. D,** u ghalhekk huma ilhom separati legalment minn xulxin ghal aktar minn erba' snin skond kif mehtieg mil-Ligi;

Illi llum il-gurnata, il-partijiet ighixu hajja totalment separata minn xulxin bhal ma ilhom issa ghal diversi snin twal, u ghalhekk ma ghad hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi permezz tal-Kuntratt ta' Separazzjoni Personali bejniethom [**Dok. D**], il-partijiet kienu ddikjaraw is-segwenti:-

- Permezz tal-Klawsola 3, il-partijiet iddikjaraw illi huma ddekadew minn kull dritt illi jitolbu manteniment minghand xulxin;

- Permezz tal-Klawsola 12.2, ir-rikorrenti obbliga ruhhu illi jhallas favur l-intimata accettanti s-somma kumplessiva ta' erbghin Lira Maltija (Lm 40.00) kull xahar bhala manteniment ghall-ulied, dak iz-zmien minuri, liema manteniment kellu jibqa' dovut sakemm l-ulied jaghlqu t-tmintax-il sena.

Illi r-rikorrenti dejjem hallas il-manteniment dovut.

B'hekk isegwi illi ma hemm l-ebda manteniment dovut la bejn il-partijiet, u lanqas in konnessjoni maz-zewg uliedhom, illum maggiorenni.

Illi mill-fuq premess isegwi illi f'dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega mil-Ligi sabiex jigi pronuzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar it-13 ta' Settembru 1986, ai termini ta' l-**Artikolu 66D(2)** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta' Malta;** u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta' hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini ta' l-**Artikolu 66A(4)** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta' Malta**.

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-kundizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju gew sodisfatti; peress illi l-partijiet isseparaw personalment minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 31 ta' Mejju 2001 fl-Atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha;

Rat illi ulied il-partijiet illum huma maggorenni u l-ebda manteniment ma hu dovut lilhom u illi l-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni personali kienu iddikjaraw illi iddekadew minn kull dritt illi jitolbu manteniment minghand xulxin, u rat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghall-rikoncilazzjoni skond kif xehdu l-istess partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------